MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 9/2023 LM

**Michael Falzon (K.I. nru. 611759M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Marlon Cachia (K.I. nru. 002489G)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant **Marlon Cachia** (minn issa 'il quddiem 'l-appellant') fit-2 ta' Ottubru, 2023.

Rat ir-risposta tal-appellat **Michael Falzon** (minn issa 'il quddiem 'l-appellat') ippreżentata fid-29 ta' Mejju, 2024.

Rat id-deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur (minn issa 'il quddiem 'it-Tribunal') fit-12 ta' Settembru, 2023 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata').

Rat it-Titolu IV tal-Kap 12, partikolarment l-Artikolu 187 tal-istess liġi.

Semgħet ix-xhieda tal-appellat Marlon Cachia.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw.

**Ikkunsidrat:**

Fl-aggravju tiegħu l-appellant jgħid li qatt ma ġie debitament notifikat bl-avviż tat-talba u tas-smigħ tal-proċeduri fil-konfront tiegħu għaliex ma ġiex notifikat fil-post ta' residenza tiegħu skont il-liġi.

Fir-risposta tiegħu l-appellat iddikjara li huwa pproċeda bin-notifika fl-indirizz li huwa kien a konoxxenza tiegħu fejn irriżultalu li l-istess appellat jirrisjedi.

L-appellat xehed bil-ġurament illi huwa qatt ma rrisjeda fl-indirizz fejn sar it-tentattiv ta' notifika lilu.

Tqis illi l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, billi l-intimat hawnhekk appellant ma ġiex notifikat bl-avviż promotur skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Tilqa' l-appell u tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tibgħat l-atti lura lit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur u tqiegħed lill-appellant fil-posizzjoni li kien oriġinarjament fiha qabel l-hekk imsejjħa notifika.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**